Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
*parva non iners*

MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## *(Laqgħa b'Urġenza)*

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 05/2024/ 10

**Data tal-laqgħa:**22 t'Awwissu, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | *Sindku* |
| Bernice Caruana | *Viċi Sindku* |
| Loranna Bonnici | *Kunsilliera* |
| Ritienne Caruana | *Kunsilliera* |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |

# MINUTI

## 5.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

5.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra t'apoloġija tal-kunsillier Joseph Schembri li ma setgħax jattendi ħabba li kien sarlu intervent l-isptar dik il-ġurnata stess, liema raġuni ġiet aċċetta mil-kunsill Lokali.

## 5.2 Diskussjoni mal-Perit Tony Bezzina

5.2.1 Il-Kunsill wera tħassib fuq xogħol tnehhija ta' sigar u hamrija li beda fuq l-art fejn ser isir bini ghall-Housing Socjali bil- Permess PA 05460/20.

5.2.2 Minħabba dan it-tħassib ġie msejjaħ għal-laqgħa il-Perit Toni Bezzina biex ikun jista' jigwida l-Kunsill fuq il-pass l'quddiem fir-rigward.

5.2.3 Ġew issuġġeriti dawn l-azzjonijiet;

- Għandha tintbagħat komunikazzjoni permezz ta' imejl lil Awtorita tal-Ippjanar biex jigi mistoqsi jekk hemmx Commencement Notice valida fuq is-sit.
- Għandha tintbagħat komunikazzjoni permezz ta' imejl fejn jiġi mistqosi lill- BCA jekk hemm 'Clearance' maħruga minnhom biex jibda x-xoghol fuq is-sit. F' din il-komunikazzjoni jingħataw dettalji tal-post fejn qed isir ix-xogħol, x'tip ta' xogħol qed isir u n-numru tal-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar.
- Ma' din il-komunikazzjoni għandu jiġi wkoll miżjud li l-ebda mir-residenti tal-madwar ma' ġie notifikat fuq dan ix-xogħol u ma' saret l-ebda ispezzjoni fuq ir-residenzi tagħhom biex ikun jista jsir il-'Condition Report'.

- F' din il-komunikazzjoni mal- BCA għandu jiġi mistoqsi wkoll jekk sarx il-'Ground Investigation Report.
- Jekk l-ebda minn dawn id-dokumenti ma nħarġu mela l-Kunsill jagħmel talba biex isir investigazzjoni fuq il-post u kull xogħol li diġa' beda jiġi sospiż minnufih.
- Jekk mill-BCA jiġi konfermat li x-xogħol ta' tneħħija ta' siġar u ħamrija beda mingħajr il- 'Clearance' taghhom, il-BCA għandhom jigu mitluba biex jitwaqqaf x-xogħol.
- Jekk l-Awtorita tal-Ippjanar tikkonferma li x-xogħol ta' tneħħija ta' siġar u ħamrija beda mingħajr il-'Commencement Notice' tagħhom, l-Awtorita' tal-Ipjannar għandha tigi mitluba biex jitwaqqaf ix-xoghol min-naħa tagħha mil-aktar fis.
- Fuq komunikazzjoni differenti għandu jintalab lill- Housing Authority li jintbagħat rappreżentant min-naħa tagħhom flimkien mal-Perit responsabbli mill-proġett biex meta ssir l-laqgħa mar-residenti, dawn ikunu jistgħu jwiegbu għall-mistoqsijiet tagħhom.

## 5.3 Tmiem tal-laqgħa u s-seduta li jmiss

5.3.1 Il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa

5.3.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir kif kienet aġġornata f'laqgħa numru 4. Jiġifieri nhar it-Tnejn, 2 ta' Settembru, 2024

5.3.4. Il-Lagħqa ntemmet fis-6.15pm

Sindku
Sr,. Matthew Agius Zammit

Aġent Segretarju Eżekuttiv
Sa Franklan Debono